Eżamijiet ta` Nofs is-Sena

Kulleġġ Maria Reġina

Sena Skolastika 2015/2016

Is-Sitt Sena | **Studji Soċjali** | Ħin: Siegħa

**Isem:**____________________________________

**Klassi:**____________________________________

**Skola:** ____________________________________

**Marka Totali**

## Il-Belt Valletta

Eżerċizzju 1: Min kien?

**Ġlormu Cassar** | **Francesco Laparelli**



jew



| | |
|---|---|
| 1. Ippropona biex l-ewwel jinbena mill-ġdid Forti Sant' Iermu sabiex isservi ta' difiża. | |
| 2. Ħa ħsieb li x-xogħol isir. | |
| 3. Kien il-perit tal-Papa. | |
| 4. Fassal il-pjanti tal-aktar binjiet importanti fil-belt il-ġdida, fosthom: il-Knisja Konventwali, il-Palazz Maġistrali u l-bereġ. | |
| 5. Ġab miegħu minn flusu 500 ħaddiem. | Francesco Laparelli |
| 6. Kien il-perit tal-Ordni. | |
| 7. Għamel il-pjanta bażika tal-belt. | |

*(6 x 2 marka = 12-il marka)*

Eżerċizzju 2: **Ikteb numri fl-ordni** biex turi l-proċess ta' kif bdiet il-Belt Valletta.

| | |
|---|---|
| | Il-Granmastru Jean de Valette ried jibni belt ġdida u ikkonvinċa lill-kavallieri biex ma jitilqux. |
| | Il-Granmastru Del Monte ried li l-kavallieri jmorru joqogħdu malajr fil-Belt u hekk sar fl-1571. |
| | Laparelli għamel il-pjanta u ntagħżlet l-għolja Xiberras. |
| | Il-perit Malti Ġlormu Cassar ħa ħsieb ix-xogħol fosthom il-bini tal-bereġ tal-kavallieri. |
| **1** | L-Assedju l-Kbir ħalla ħerba kbira fuq il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-Port il-Kbir. |
| | Il-popolazzjoni bdiet dejjem tikber għax il-Maltin marru joqogħdu fil-belt fejn kellhom is-sigurta` u x-xogħol mal-Ordni. |
| | L-ewwel ġebla tal-belt il-ġdida tqiegħdet fit-28 ta' Marzu, 1566. |
| | Ir-Re Filippu II ta' Spanja flimkien mal-Papa bagħtu 6 000 suldat biex iħarsu lil Malta waqt li tkun qed tinbena l-belt. |

*(7 marki)*

## Eżerċizzju 3: **Wieġeb**

1. F'liema parti tal-belt Valletta jinsab il-Palazz tal-Granmastru?
   (Aqta' linja taħt ir-risposta t-tajba)

   a. fil-bidu b. fin-nofs ċ. mal-baħar

*(marka)*

2. Agħti 3 dettalji dwar il-faċċata tal-Palazz.



i) ____________________

ii) ____________________

iii) ____________________ *(3marki)*

3. Il-k____________huma lussużi, imdaqqsin, b'saqaf għ____________ u mimlijin pitturi ta' ____________________.

*(3marki)*

4. Semmi waħda mis-swali li nsibu f'dan il-Palazz:____________________.

*(marka)*

5. Barra l-Palazz tal- Granmastru, semmi binja oħra importanti li bnew fi żmien il-kavallieri. ____________________

*(marka)*

## L-Assedju l-Kbir

Eżerċizzju 4: **Poġġi** dawn il-kliem f'posthom.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| San Mikiel | Jean De Valette | Sant' Iermu | Toni Bajada | Dragut |
| Sulejman | Don Garcia Toledo | Sant' Anġlu | Piali` Paxa` | Mustafa` Paxa` |

1. ______________________ kien il-Granmastru tal-Ordni ta' San Ġwann waqt l-Assedju l-Kbir.
2. Is-Sultan Tork ______________________ bagħat lis-suldati tiegħu biex jattakkaw lill-Maltin u lill-kavallieri.
3. ____________________ kien iwassal messaġġi bl-għawm bejn Sant' Iermu u Sant' Anġlu.
4. Bis-saħħa tal-għajnuna ta' _____________________, viċi-re ta' Spanja ġie fi tmiemu l-Assedju l-Kbir.
5. ______________________ kien imexxi l-flotta Torka.
6. Il-ġeneral tas-suldati Torok kien ______________________.
7. Il-furban Tork ______________________ tilef ħajtu waqt l-attakk fuq Sant' Iermu.
8. Il-Forti _______________________ kien fit-tarf tal-għolja Xiberras.
9. Il-Birgu kien imħares mill-Forti ______________________.
10. Il-Forti _______________________ kien iħares l-Isla.

*(10 marki)*

| Eżerċizziu 5: Ikteb **Veru** iew **Falz.** |
|---|

| | |
|---|---|
| 1. Il-Flotta Torka tħalliet fil-Port ta' Marsamxett. | |
| 2. It-Torok għamlu l-kamp tagħhom il-Marsa. | |
| 3. L-ewwel attakk tat-Torok kien fuq Sant' Iermu. | |
| 4. It-Torok rebħu l-Forti Sant' Anġlu u l-Forti San Mikiel. | |
| 5. Qabel l-Assedju, l-Kavallieri u l-Maltin avvelenaw il-bjar tal-ilma. | |
| 6. It-Torok attakkaw lil Malta fl-1565. | |

*(6 marki)*

| Eżerċizzju 6: Immarka dawn il-postijiet fuq il-mappa billi **tikteb l-ittra fil-kaxxa** skont l-isem tal-post. |
|---|

a. Il-Port il-Kbir

b. Il-Port ta' Marsamxett

ċ. Forti Sant' Iermu

d. Isla

e. Birgu




*(5 marki)*

## L-Iskart

Eżerċizzju 7: **Imla l-vojt** bir-risposta t-tajba.

1. X'jissejjaħ skart li ġej:

a. mid-djar - ____________________

b. mill-fabbriki - ____________________

ċ. mill-industrija tal-bini -____________________

*(3 marki)*

2. Semmi tliet tipi ta' skart li ġej:

a. mid-djar:

____________________

____________________

____________________

b. mil-lukandi u ristoranti:

____________________

____________________

____________________

ċ. mill-fabbriki:

____________________

____________________

____________________

d. minn siti ta' kostruzzjoni:

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

*(4 x 3 marki =12-il marka)*

3. a. Agħti t-tifsira ta' riċiklaġġ:

______________________________________________

______________________________________________

*(2 marki)*

b. Biex ir-riċiklaġġ ikun possibli, rridu nitgħallmu nisseparaw l-iskart. Aħna nistgħu nagħmlu dan permezz tal- *bring-in-sites.*



Semmi l-erba' tipi ta' kontenituri li nsibu fil-*bring-in-sites*.

| | |
|---|---|
| 1 | |
| 2 | |
| 3 | |
| 4 | |

*(4 marki)*

ċ. Huwa importanti li nħaddmu l-prinċipju tat-3 R's, li huma:

1. ____________________ 2.____________________ 3.____________________

*(3 marki)*

Eżerċizzju 8: **Aqra** u **wieġeb** skont kif mitlub.



Trevor, għadu kemm wiret biċċa art li qiegħda mdawra bi ħdura. F'moħħu għandu li minnha jagħmel ġid lill-poplu Malti. Ħareġ b'żewġ ideat. Aqra u ara liema idea hija meqjusa bħala **Żvilupp Sostenibbli** u liema hi **Żvilupp mhux Sostenibbli.**

**a.**




**b.**




*(2 marki)*

1. a. ____________________ b. ____________________

2. F'sentenza spjega :

a. Żvilupp sostenibbli

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

*(marka)*

b. Żvilupp mhux sostenibbli

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

*(marka)*

Meta żvilupp ma jkunx sostenibbli nkunu qegħdin nagħmlu ħsara lil:

a. __________________________________________________

b. __________________________________________________

ċ. __________________________________________________

*(3 marki)*

TMIEM IL-KARTA